# QORTI CIVILI - PRIM'AWLA

**IMHALLEF**

**ONOR. DR JOANNE VELLA CUSCHIERI**
**B.A., MAG. JUR. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Illum it-Tlieta, 23 ta' Marzu 2021**

**Kawza Numru: 8**

**Rikors Ġuramentat Numru:- 1048/2019 JVC**

**James O'Flaherty f'ismu propju u kif ukoll fil-kwalita' tieghu ta' *trustee* tat-*trust* bl-isem 'The Valera Trust'**

**vs**

**Carmelo Dimech**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat fejn ir-rikorrent James O'Flaherty kkonferma bil-gurament u talab kif isegwi:

1. 'Illi missier ir-rikorrent, u cioe' l-mejjet Joseph O'Flaherty, kien proprjetarju tal-garaxxijiet numerati tnax (12) u hmistax (15) li jinsabu gewwa l-kumpless ta' garaxxijiet bin-numru wiehed u sittin (61) fi Triq Gorse Street, Birkirkara – kuntratt anness u markat bhala dokument 'A';

2. Illi dawn l-istess garaxxijiet surreferiti llum il-gurnata jappartjenu lir-rikorrent stante li huwa l-werriet ta' missieru, illum mejjet, Joseph O'Flaherty – dokument 'B' anness;

3. Illi l-intimat kien u ghadu qed jokkupa l-garaxxijiet surriferiti minghajr ebda titolu validu fil-ligi;

4. Illi minkejja li f'dawn l-ahhar snin l-intimat abbanduna l-garaxxijiet numerati tnax (12) u hmistax (15) li jinsabu gewwa l-kumpless ta' garaxxijiet bin-numru wiehed u sittin (61) fi Triq Gorse Street, Birkirkara huwa qieghed jirrifjuta milli jirritorna c-cwievet u l-fond battal lir-rikorrenti;

5. Illi l-imsemmija garaxxijiet ilhom abbandunati mill-intimat ghal diversi snin u ma sar l-ebda manutenzjoni fuq l-istess da parti tieghu bir-rizultat li hemm hsarat kbar fl-istess garaxxijiet liema hsarat qed jimponu periklu ghal terzi persuni b'mod specjali ghan-nies li jghixu fl-akwati;

6. Illi permezz ta' ittra ufficcjali datata tmienja (8) ta' Awissu elfejn u tmintax (2018) (kopja annessa u mmarkata bhala Dokument 'C') ir-rikorrent interpella lill-intimat sabiex

jivvaka l-garaxxijiet in kwistjoni u jirritorna c-cwievet u l-fond battal sa mhux aktar tard mill-ahhar ta' Awissu elfejn u tmintax (2018), izda l-intimat baqa' inadempjenti;

7. Illi ghalhekk ir-rikorrenti kellu jipprocedi b'dina l-kawza;

8. Illi skont l-Artikolu 167 tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta), u a tenur ta' liema dispozizzjonijiet ir-rikorrent jiddikjara ulterjorment li sa fejn jaf huwa, l-intimat m'ghandu l-ebda eccezzjonijiet x'jaghti kontra t-talbiet fil-kawza odjerna u li kwindi skont l-istess dispozizzjonijiet tista' tigi deciza bid-dispensa tas-smiegh;

9. Illi r-rikorrent jiddikjara li huwa jaf personalment il-fatti minnu dikjarati f'dan ir-rikors guramentat – dikjarazzjoni annessa u mmarkata bhala Dokument 'D'.

**Jghid ghalhekk l-intimat ghaliex, ghar-ragunijiet premessi, dina l-Onorabbli Qorti m'ghandiex:**

**i.** Tipprocedi ghas-sentenza skont it-talbiet attrici segwenti bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza ai termini tal-artikolu 167 tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta);

**ii.** Tiddikjara li l-intimat qieghed jokkupa z-zewg garaxxijiet numerati tnax (12) u hmistax (15) li jinsabu gewwa kumpless ta' bini bin-numru (61) fi Triq Gorse, Birkirkara minghajr ebda titolu fil-Ligi;

**iii.** Tordna u tikkundanna lill-intimat sabiex jizgombra mill-garaxxijiet numerati tnax (12) u hmistax (15) li jinsabu gewwa kumpless ta' bini bin-numru (61) fi Triq Gorse, Birkirkara, u jirrilaxja l-pussess liberu u battal taghhom a favur ir-rikorrenti u li jirritorna c-cwievet ta' l-istess zewg garaxxijiet lir-rikorrenti, u tiffissa terminu qasir u perentorju ghal dan il-ghan;

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet mid-data ta' l-ittra ufficcjali tat-8 ta' Awissu 2018 kontra l-intimat li huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni, inkluzi l-ispejjez ta' l-istess ittra ufficcjali.'

Rat li nonostante li fil-verbal tas-26 ta' Novembru, 2019 din il-Qorti awtorizzat lill-intimat sabiex jipprezenta risposta ghat-talbiet tar-rikorrenti fi zmien mpost fuqu, dan baqa' ma ghamlux.

Rat ukoll li din il-Qorti tat diversi opportunitajiet lill-intimat sabiex jirregola ruhu dwar is-sitwazzjoni tieghu izda baqa' inadempjenti sal-verbal tal-25 ta' Frar, 2021.

Rat li fit-termini tad-digriet ta' din il-Qorti tat-28 ta' Frar, 2020, stante li r-rikors tal-intimat datat 12 ta' Dicembru, 2019 gie michud minn din il-Qorti fil-verbal tas-17 ta' Novembru, 2020, per conseguenza, l-intimat gie dikjarat u kkonfermat bhala kontumaci f'dawn il-proceduri.

Rat illi fil-verbal datat 25 ta' Frar 2021 ir-rikors gie differit ghal-lum ghad-decizjoni.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti.

**Ikkunsidrat;**

Illi l-kawza odjerna tikkonsisti f'talba ghal zgumbrament tal-intimat Carmelo Dimech minn zewg garaxxijiet li jgibu n-numri 12 u 15 gewwa l-kumpless ta' garaxxijiet bin-numru 61 fi Triq Gorse Street, Birkirkara. Ir-rikorrenti James O'Flaherty f'ismu propoju u wkoll fil-kwalita tieghu ta' trustee tat-trust bl-isem 'The Valera Trust' jikkonferma bil-gurament tieghu li dawn il-garaxxijiet kienu proprjeta' ta' missieru Joseph O'Flaherty (ara kuntratt datat 15 ta' April, 1963 fol. 5) li izda wara l-mewt tieghu ntirtu mill-istess rikorrent. Dan huwa evidenzjat mid-dikjarazzjoni Causa Mortis datata 17 ta' Lulju, 2008 esebita a fol. 19 et seq tal-process.

Fl-affidavit tieghu esebit permezz ta' nota datata 25 ta' Frar, 2021 ir-rikorrent jispjega kif fuq l-art mixtrija minn missieru nbnew numru ta' mezzanini u garaxxijiet inkluz dawk koncernati fil-kawza odjerna. Ir-rikorrent James O'Flaherty jikkonferma li Carmelo Dimech kien jaghmel uzu minn dawn iz-zewg garaxxijiet b'mera tolleranza ta' missier ir-rikorrent. Izid li meta kien talabhomlu lura originarjament Carmelo Dimech kien qallu li dawk tieghu u rrifjuta li jirritornahom. Fl-ahhar snin izda Carmelo Dimech abbanduna l-istess garaxxijiet mimlija bl-imbarazz u fi stat ta' manutenzjoni hazin hafna izda baqa' jirrifjuta li jaghti lura c-cwievet lir-rikorrent. Ir-rikorrent ezebixxa ittra ufficcjali datata 8 ta' Awwisu, 2018 (fol. 24), li giet debitament notifikata lill-intimat nhar it-18 ta' Awwissu, 2018, li permezz taghha nterpella lill-intimat sabiex jizgombra l-garaxxijiet sal-ahhar ta' Awwisu, 2018, izda dan baqa' inadempjenti. Mill-atti, partikolarment mir-ritratti esebiti mal-affidavit, jirrizulta li l-garaxxijiet in kwistjoni llum jinsabu fi stat pjetuz ta' abbandun. Jirrizulta li fil-31 ta' Ottubru,

2019 r-rikorrent kien ghalhekk kostrett jintavola l-kawza odjerna ghall-izgumbrament tal-intimat mill-istess garaxxijiet.

Illi minn dak suespost u d-dokumenti esebiti kemm mar-rikors guramentat kif ukoll mal-affidavit tar-rikorrent din il-Qorti hija sodisfatta li l-garaxxijiet bin-numri numri 12 u 15 gewwa l-kumpless ta' garaxxijiet bin-numru 61 fi Triq Gorse Street, Birkirkara huma proprjeta' tar-rikorrenti pro et noe. Rat li fl-atti l-intimat naqas milli bi kwalunkwe mod jikkontesta l-pretensjoni tar-rikorrenti li hu qed jokkupa dawn l-istess garaxxijiet minghajr titolu validu fil-ligi. Il-Qorti ghalhekk tqis li t-talbiet tar-rikorrent pro et noe gew sufficjentement pruvati u ser tghaddi sabiex tilqa' l-istess.

**Decizjoni**

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet kollha suesposti l-Qorti tghaddi sabiex taqta' u tiddeciedi din il-kawza kif isegwi:

**i.** Tiddikjara l-ewwel talba attrici sorvolata;

**ii.** Tilqa' t-tieni talba u tiddikjara li l-intimat Carmelo Dimech qieghed jokkupa z-zewg garaxxijiet numerati tnax (12) u hmistax (15) li jinsabu gewwa kumpless ta' bini bin-numru (61) fi Triq Gorse, Birkirkara minghajr ebda titolu fil-Ligi;

iii. Tilqa' t-tielet talba u tordna u tikkundanna lill-intimat Carmelo Dimech sabiex jizgombra mill-garaxxijiet numerati tnax (12) u hmistax (15) li jinsabu gewwa kumpless ta' bini bin-numru (61) fi Triq Gorse, Birkirkara,

u jirrilaxja l-pussess liberu u battal taghhom a favur ir-rikorrenti u li jirritorna c-cwievet ta' l-istess zewg garaxxijiet lir-rikorrenti fi zmien massimu ta' xahar minn meta din id-decizjoni ssir *res judicata*.

Bl-ispejjez kollha kif mitluba kontra l-intimat.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**B.A., Mag. Jur. (EUR.LAW), LL.D.**
**23 ta' Marzu 2021**

**Karen Falzon**
**Deputat Registratur**
**23 ta' Marzu 2021**